**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 14 ta' Frar 2001.

Pulizija
Spettur Pierre Micallef Grimaud

Vs

Khaled Saleh El-Durssi.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Khaled Saleh El-Durssi, ta' 27 sena, bin Saleh u Aisha, imwieled Benghazi (Libja) fil-25 ta' Settembru 1973 u joqghod Shapir/1, Triq Viani, Sliema, passaport numru 051681;

Talli fit-12 ta' Frar 2001, ghall-habta tad-9.00pm, fi Triq Wilga, Paceville, offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li jsir f'lok pubbliku espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, f'post pubbliku, nezgha gharwien jew ma' kienx liebes xieraq, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (q) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel gesti oxxeni fil-pubbliku jew b'xi mod iehor offenda l-morali l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, strument jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr il-licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 13(1) tal-Ordinanza Dwar Armi, Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, ghall-habta tal-10.00pm, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' kisser hgiega ta' bieb, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 209, 338(q), 338(bb), 338(m), 325(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 13(1) Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibu hati ta' kif akkuzat mill-

Prosekuzzjoni, u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll, a tenur tal-Artikolu 14,15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna t-tkeccija tal-imsemmi imputat minn dawn il-Gzejjer, u tiddikjarah immigrant projbit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.